MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 72/2015

**D A**

**vs**

**V A**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-esponenti, D A , u l-konvenut, V A , izzewgu fl-10 ta' Novembru, 1983;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghall-izjed minn seba snin u llum l-esponenti ghandha rabtiet ma' terzi, ma' min ghandha wkoll minuri;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghall-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-ulied li l-partijiet kellhom flimkien illum huma ilkoll maggorenni u l'ebda parti ma thallas manteniment lill-parti l-ohra;

Illi l-partijiet m'ghandhom xejn fil-Komunjoni tal-Akkwisti u m'hemm xejn x'jigi diviz bejniethom;

Illi r-rikorrenti ssostni ghalhekk li r-rekweziti ta' Artikolu 66B ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa kollha sodisfatti;

Illi r-rikorrenti giet awtorizzata li tipprocedi bil-mod segwenti permezz ta digriet tas-16 ta' Marzu 2015 ta dina l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, ir-rikorrenti umilment titlob lil din 1-Onorabbli Qorti jghogobha:-

Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet, iccelebrat fl-10 ta' Novembru, 1983, mahlul u konsegwentement tghaddi sabiex tippronunzja d-divorzju ta' bejn il-partijiet u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-konvenut ghalkemm notifikat ma pprezentax risposta guramentata.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Mill-provi prodotti jirrizulta:-

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fl-10 ta’ Novembru 1983, u minn dan iz-zwieg it-tfal li kellhom illum huma maggorenni;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici;

1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet stante li z-zwieg tkisser irrimedjabilment u l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn seba' snin;

2) Ixxolji b'effett millum il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tiddikjara illi ma hemmx assi x'jigu likwidati u divizi bejn il-partijiet; u

3) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------